

**SKOLA NAZZJONALI TAL-ISPORT**
TITPOĠĠA L-EWWEL ĠEBLA



**SPECIAL OLYMPICS**
ORGANIZZATA F'MALTA KONFERENZA INTERNAZZJONALI



**26 TA' NOVEMBRU**
PRESIDENT'S CHARITY FUN RUN



**FTEHIM MAL-ASA**
IFFIRMAT FTEHIM BEJN IL-KMS U L-ASA

# SPORTMALTA



Il-ħames finalisti għall-Isportiv tas-Sena

## Sport Malta Awards Għażliet Sportivi Nazzjonali

**Nhar is-Sibt, 31 ta' Jannar ser issir is-serata finali ta' Sport Malta Awards Għażliet Sportivi Nazzjonali, li fiha il-Kunsill Malti għall-Isport flimkien mal-Għaqda Ġurnalisti Sports jagħtu unuri lil dawk l-atleti Maltin li jkunu spikkaw fis-sena li tkun għadha kif intemmet. Kienu l-ġurnalisti li vvutaw għall-aħjar ħamsa f'kull kategorija li ġew mħabbra f'konferenza tal-aħbarijiet li saret fil-Palazz tal-Verdala.** **(tkompli f'paġna 7)**

Is-Serata ser tkun imxandra live fuq TVM 2 u preżentata minn Mario Bonnici

# Il-Kumpless Sportiv tal-Marsa

**Dan il–kumpless, wieħed mill-eqdem f'Malta, jinsab fiċ-ċentru ta' gżiritna u huwa kumpless li jinkorpora fih medda ta' art kbira ħafna li fiha wieħed isib erba' Kumplessi oħra. Il-kumpless inbena mis-Servizzi Inglizi fis-sena 1903, biex jintuża mis-suldati u l-familiji tagħhom waqt li kienu stazzjonati Malta. Minħabba din l-influwenza Ingliża l-*grawnds* huma kollha tal-ħaxix naturali u allura jinħtieġu xogħol kontinwu biex ikun miżmuma sew.**

**Dawn l-erba' Kumplessi huma:**

- **Il-Kumpless tal-Atletika li hu imexxi mill-MAAA**
- **Il-Marsa Sports Club**
- **Il-Kumpless tat-Tiġrijiet taż-Żwiemel li jinkorpora fih il-korsa, mmexxi mill-MRC.**
- **Il-Kumpless Sportiv, li hu immexxi mill-Kunsill Malti għall-Isport**

**Fil-blokk amministrattiv ta' dan il-kumpless wieħed jista' jsib: Rugby club House, l-ufficju tal-Baseball u Softball , l-uffiċju tal-manager tal-KMS, Showers u Toilets, u Sala.**

**Dan il-Kumpless jinkorpora fih 4 grawnds kbar li jintużaw għar-rugby, għall-futbol, għall-baseball u softball fost sport u attivitajiet oħra li jiġu organizzati fl-istess sit. Il-kumpless fih wkoll erba' courts li jintużaw għan-netball, tennis, basketball u volleyball. Area oħra tal-kumpless tintuża għat-tfiegħ bil-qaws. Il-courts u l-grawnds, jistgħu jintużaw matul il-ġurnata mingħajr ħlas, pero wieħed irid jibbukjahom minn qabel.**

**Kuntatt: Thomas Cunningham**
Emejl: thomas.cunningham@sportmalta.org.mt
Telefon: 2203 6407

*Il-Kumpless Sportiv tal-Marsa inbena fl-1903*









**Ħinijiet tal-Ftuħ**

Mit-Tnejn sal-Ġimgħa
07.00 - 21:00

Is-Sibt, il-Ħadd u Festi Pubblici
08.00 - 19.00

## Aktar aħbarijiet








**Ritratt 1: Pool**
Hamrun Liberty jirbħu l-kompetizzjoni Knockout tat-timijiet. Fil-finali rebħu lil Top Gun Bar 10-9

**Ritratt 2: Pool**
Michael's Bar rebħu l-kompetizzjoni knockout tat-tieni u tielet diviżjoni. Fil-finali għelbu lil Qormi Football Ground 10-7

**Ritratt 3: Table Football**
Valletta Lions fid-9 post fic-Champions League u jitilgħu fit-18-il post tar-rankings dinjija.

# *Sports Day* organizzata mill-SPU

**Fl-ewwel jum ta' Diċembru, s-Segretarju Parlamentari Chris Agius żar l-iskola Primarja ta' Ħal-Kirkop tal-Kulleġġ San Benedettu. Waqt l-għodwa ta' filgħodu l-istudenti ta' din l-iskola flimkien mal-għalliema tagħhom u anke xi ġenituri kienu qegħdin jieħdu sehem fi *Sports Day* organizzata mill-SPU (Sport Promotion Unit). L-SPU, li huwa magħmul minn grupp ta' għalliema, jorganizza bosta minn dawn l-attivitajiet fil-kulleġġi kollha fosthom anke dak t'Għawdex.**

**Il-bitħa tal-iskola kienet mimlija attivita' u wieħed ma setax ma jinnotax tfal jitbissmu u jilagħbu, tagħmir tal-edukażżjoni fiżika, għalliema jissorveljaw u oħrajn jilagħbu magħhom u ġenituri jħeġġu lit-tfal tagħhom. L-*isports day* kienet maqsuma f'sezzjonijiet diversi ta' eżerċizzji, li l-għan tagħhom huwa li jkunu enfasizzati l-ħiliet bażiċi f'kull sport, iġifieri l-aġilita', l-bilanċ u l-kordinazzjoni.**



**Il-Gvern qed jagħmel l-almu tiegħu sabiex tkompli tixxettel il-kultura sportiva fit-tfal sa minn eta' żgħira u *sports days* bħal dawn jgħinu sabiex it-tfal primarjament jaraw s-sabiħ fil-ħajja attiva' filwaqt li, anke bl-għajnuna tal-għalliema, jkunu mħeġġa jkunu attivi kuljum. Barra minn hekk t-tfal ikunu nkoraġġuti jattendu wkoll għall-programmi organizzati mill-KMS fil-kumplessi diversi madwar Malta u Għawdex.**



**Preżenti wkoll għall-isports day kien hemm il-prinċipal tal-Kulleġġ Carmel Micallef u l-kap u l-amministrazzjoni tal-iskola.**



## *Attivitajiet Sportivi oħra*










**Ritratt 1: Tennis**
Matthew Asciak kien ikkonfermat Champion tal-BOV Malta Tennis Men's Masters. Fil-final, għeleb lil Denzil Agius 6-0, 6-0 biex żamm it-titlu.

**Ritratt 2: Għawm**
Waqt il-World Swimming Championships (25m) f'Doha, il-Qatar inkisru sitt rekords nazzjonali ġodda; Nicola Muscat fil-50m u 100m Free, Julian Harding fil-50m Breast, Neil Muscat fil-100m Back u 50m Back u Matthew Zammit fil- 50m Free.

**Ritratt 3: Weightlifting**
F'Diċembru kienu organizzati l-Kampjonati Nazzjonali tal-Weightlifting. Fost l-oħrajn Sarah Grixti kisret 10 rekords nazzjonali.

## *Riżultati Sbieħ għall-Malta*








**Ritratt 1: Blackball**
Claudio Cassar sar champion dinji tal-Blackball. Fil-finali Cassar għeleb lill-plejer mill-Afrika t'isfel Paul Bennet 8-7.

**Ritratt 2: Powerboats**
Aaron Ciantar flimkien mat-trothleman tiegħu sar ic-champion dinji tal-Klassi C1 tal-Kampjonat tal-Powerboats għar-4 darba. Din kienet is-6 darba li Chaudron saru champions bħala **kostrutturi.**

**Ritratt 3: Għawm Sinkronizzat**
Żewg midalji tal-fidda għat-tim tal-għawm sinkronizzat li ħa sehem fil-U13 European Competition; waħda bħala tim u oħra fid-duet permezz ta' Mya Azzopardi u Mikela Riolo

## *Attivitajiet Sportivi oħra*







**Ritratt 1: Darts**
F'Novembru, il-Malta Darts Association organizzat is-27 edizzjoni tal-Malta Open. Barra plejers minn Malta, ħadu sehem ukoll plejers minn Ċipru, l-Italja, l-Iskozja, Wales, id-Danimarka, l-Olanda, l-Isvizzera, il-Greċja, n-Noveġja, il-Ġermanja u r-Renju Unit.

**Ritratt 2: BMX Fest**
F'Diċembru sar f'Malta l-ewwel BMX Fest internazzjonali fl-Indoor Skatepark f'Pembroke.

**Ritratt 3: Ġinnastika**
Il-Kumpless tal-Kottonera laqa' n-National Artistic Gymnastics Championship

# 19-il entita' sportiva jibbenefikaw minn Skemi diversi ta' fondi

**Il-Kunsill Malti għall-Isport huwa kommess li jgħin sabiex l-assoċjazzjonijiet / federazzjonijiet sportivi Maltin u l-atleti tagħhom jilħqu l-livell professjonali fl-operat tagħhom. Dan jintlaħaq mhux biss bil-programmi offruti mill-istess KMS imma wkoll bl-għotjiet ta' assistenza permezz ta' skemi diversi, bl-għan li l-assoċjazzjonijiet / federazzjonijiet sportivi jkunu awto-suffiċjenti.**

**Kienu 19-il għaqda li bbenefikaw minn skemi ta' assistenza tal-Kunsill Malti għall-Isport. Dawn l-għaqdiet applikaw u kienu eliġibbli biex jibbenefikaw minn fondi taħt diversi skemi fosthom, dawk li:**

1. **Ikopru n-nefqa kapitali,**
2. **Għotja għal xiri ta' tagħmir tekniku,**
3. **Skema għall-investiment fil-faċilita',**
4. **Skema għall-parteċipazzjoni f'kompetizzjoni internazzjonali,**
5. **Turiżmu sportiv,**
6. **Skemi intenzjonati għall-iżvilupp tal-atleti.**

**L-għotjiet ingħataw mis-Segretarju Parlamentari għar-Riċerka, l-Innovazzjoni, ż-Żgħażagħ u l-Isport Chris Agius flimkien maċ-Ċermen tal-Kunsill Malti għall-Isport Luciano Busuttil.**






## *Attivitajiet Sportivi oħra*







**Ritratt 1: Middle Sea Race**
Rebħa għall-jott Malti Artie. L-armla ta' Teddie Borġ tingħata rikonoxximent f'ismu.

**Ritratt 2: Seminar**
L-Għaqda Ġurnalisti Sport torganizza seminar għall-membri tagħha.

**Ritratt 3: Youth Football**
Is-Segretarju Parlamentari f'laqgħa mal-Kunsill tal-Youth FA.

**Ritratt 3: LifeCycle 2015**
Id-destinazzjoni hi l-Iżlanda





Ritratt 1: Il-Konferenza tal-aħbarijiet

Ritratt 2: Mudell tar-Range magħmul minn Jimmy Bugeja.

Ritratt 3: Il-President u s-Segretarju tal-MSSF Saviour Portelli u Gino Galea waqt l-assemblea ġenerali

Ritratt 4: Il-President Saviour Portelli flimkien mal-President tal-IOC Thomas Bach u l-President tal-ISSF Olegario Vazquez Rana





# Malta mistennija tospita t-Tazza tad-Dinja tal-isparar

**Il-Federazzjoni Maltija tal-Isport tal-Isparar ingħatat il-wegħda li tospita t-tazza tad-dinja fis-sena 2017. Waqt l-assemblea ġenerali li saret fi Munich il-Ġermanja fil-bidu ta' Diċembru u li għaliha attendew l-ogħla diriġenti tal-Federazzjoni mmexxija mill-President Salvu Portelli ngħataw kelma li pajjiżna ser jkun qed jospita dan l-appuntament importanti fil-kalendarju dinji tal-isparar.**

**Waqt l-istess konferenza saret l-elezzjoni għall-eżekuttiv tal-ISSF, fejn għal darb'oħra kien ikkonfermat il-President Olegario Vazquez Rana.**

**Fi żmien illi ġej, la darba Malta tingħata konferma uffiċjali li ser tospita dawn il-logħob, tibda ħidma intensiva li tinvolvi t-twaqqif ta' kumitat organizzattiv u sejħa għal numru ta' voluntiera biex jagħtu l- kontribut tagħhom f'dan l-avveniment kbir għall-isport f'pajjiżna.**

**L-informazzjoni ngħatat waqt konferenza tal-aħbarijiet li saret fil-Bidnija. Waqt il-konferenza tkellem is-Segretarju Parlamentari Chris Agius li fakkar li l-proġett ta' bini ta' *shooting range* huwa parti mill-programm elettorali ta' dan il-gvern f'din il-leġislatura, proġett li anke reġa ssemma f'Novembru fid-diskors tal-budget għas-sena d-dieħla u li x-xogħol fuqu mistenni jibda fix-xhur li ġejjin.**

**Din il-ħolma setgħet issir realta grazzi għall-għajnuna li l-Federazzjoni kisbet minn diversi entitatjiet fosthom il-Kumitat Olimpiku Malti u l-Kunsill Malti għall-Isport.**

**(tkompli minn paġna 1)**

# Sport Malta Awards Għażliet Sportivi Nazzjonali

**Il-finalisti huma:**

**<u>Sportiv tas-Sena</u>**
**Baldacchino Noel (Malta Racing Club)**
**Cassar Claudio (Malta Eight Ball Federation)**
**Martin Steve (Malta Boxing Association)**
**Xuereb Nathan Lee (Malta Shooting Sport Federation)**
**Zahra Daniel (Kick Boxing)**

**<u>Sportiva tas-Sena</u>**
**Abela Sue (Malta Ten Pin Bowling Association)**
**Bezzina Eleanor (Malta Shooting Sport Federation)**
**Bonello Spiteri Danica (Malta Triathlon Federation)**
**Camilleri Rebecca (Malta Amateur Athletic Association)**
**Pace Hannah (Malta Triathlon Federation)**

**<u>Uffiċjal tas-Sena</u>**
**Camilleri Terry (Malta Billiard & Snooker Association)**
**Cassar Joe ( Malta Football Association)**
**Degiorgio Vincent (Malta Pool Association)**
**Portelli Saviour (Malta Shooting Sport Federation)**
**Sultana Paul (Malta Basketball Association)**

**<u>Kowċ tas-Sena</u>**
**Bugeja Jimmy (Malta Shooting Sport Federation)**
**Ghedin Pietro (Malta Football Association)**
**Harada Saho (Synchronised Swimming)**
**Izzo Karl (Aquatic Sports Association)**
**Neil Damien (Malta Rugby Football Union)**

**<u>Zagħzugħ tas-Sena</u>**
**Azzopardi Spiteri Gianluca (Malta Shooting Sport Federation)**
**Giordimaina Gary (Federazzjoni Maltija Lotta)**
**Mifsud Kieran (Malta Weightlifting Association)**
**Muscat Scott (Malta Pool Association)**
**Xuereb Nathan Lee (Malta Shooting Sport Federation)**

*Uħud mill-finalisti ta' Sport Malta Awards Għażliet Sportivi Nazzjonali*













*Aktar ritratti*





**<u>Żagħżugħa tas-Sena</u>**
**Azzopardi Claire (Malta Gymnastics Federation)**
**Buttigieg Suzanne (Malta Gymnastics Federation)**
**Dalli Peppijna (Malta Gymnastics Federation)**
**Richard Janet (Malta Amateur Athletic Association)**
**Xuereb Sara (Malta Ten Pin Bowling Association)**

**<u>Tim tas-Sena</u>**
**Blanche Coppola u Ralph Decelis (International Federation of Body building)**
**Team Artie (Malta Sailing Federation)**
**Team Chaudron (Malta Powerboats Federation)**
**Alex Borġ u Duncan Bezzina (Malta Billiards & Snooker Association)**
**Tim Nazzjonali Rġiel Waterpolo (Aquatic Sport Association)**

**Fis-Serata finali bord magħmul minn ġurnalisti ser jivvutaw *live* għal rebbieħ wieħed/waħda f'kull kategorija msemmija (7). Ma dawn ser jiżdiedu 4 kategoriji oħra li ntagħżlu minn bordijiet separati. Dawn huma:**

- **L-aħjar atleta femminili ta' Special Olympics**
- **L-aħjar atleta maskili ta' Special Olympics**
- **L-aħjar atleta Għawdxi**
- **L-aħjar attivita' internazzjonali tas-sena**

**L-assoċjazzjonijiet ivvutaw wkoll għall-People's Choice Award. Minkejja li l-assoċjazzjonijiet ivvutaw għall-aħjar ħamsa, minħabba li tlett atleti spiċċaw bl-istess numru ta' voti, għal din l-edizzjoni ser jkunu sitta l-atleti/timijiet fil-finali għall-People's Choice Award. Ġie abbinat numru ma kull atleta/tim. Il-Pubbliku huwa mħeġġeġ li jibgħat sms sabiex jivvota.**

| | |
|---|---|
| **50616721** | **Artie (Team) - Ibburdjar** |
| **50616722** | **Danica Bonello Spiteri - Triathlon** |
| **50616723** | **Camilleri Rebecca - Atletika** |
| **50616724** | **Ciantar Aaron - Powerboards** |
| **50616725** | **Fenech Steven – Wheelchair Dancing** |
| **50616726** | **Xuereb Nathan Lee – Sparar** |

**Is-serata finali li fiha l-ġurnalisti jivvutaw live ser issir nhar is-Sibt, 31 ta' Jannar 2015 fil-Corinthia Palace Hotel & Spa, Attard.**

# 20 sena anniversarju għall-atleta veteran Alfred Debono






*Alfred Debono*

**Kollox beda b'kumbinazzjoni fis-7 ta' Gunju 1994, meta Alfred Debono iddeċieda li jieħu l-parir tal-mara u jakkumpanjaha għall-mixja madwar Ħal Qormi. Dan kien biss il-bidu għal Debono għax baqa jtawwal id-distanza u anke beda jiġġogja biex f'Settembru tal-istess sena ħa sehem għall-ewwel darba f'ġirja ta' 10km f'Ta' Qali. Wara dik it-tellieqa kompla miexi l'quddiem u saret bidla pożittiva li minn bniedem mhux attiv spiċċa bniedem jikkompeti u bis-saħħa ta' dan kollu irnexxielu jnaqqas 20 kilo mill-piż tiegħu.**

**F'dawn l-20 sena ta' ġiri fit-tul, irnexxielu jwaqqaf rekords li diffiċli wieħed iwettaqhom, fosthom: madwar 400 tellieqa f'Malta f'distanzi varji, parteċipazzjoni f'The 6 World Marathon Majors' fil-Ġappun, Londra, Boston, Berlin, Chicago u New York u 'The World's Top 10 Marathons' f'Londra, Berlin, New York, Chicago, Boston, Stockholm, Rotterdam, Pariġi, Honolulu u Amsterdam. Dawn huma wħud mill-aqwa maratoni, u l-parteċipazzjoni fihom hija l-ħolma għal bosta atleti. Barra minn hekk Debono ġera s'issa, 40 nofs maratona (21.1km) u 30 maratona (42.2km), li 40 tellieqa minnhom f'distanzi varji saru barra minn xtutna.**

**Is-7 ta' Ġunju 2014, kienet ġurnata memorabbli għal Debono fejn fl-anniversarju tal-għeluq ta' 20 sena ċċelebraħ b'maratona differenti fl-Irlanda meta ħa sehem fil-Mourne Way Off Road Marathon (42.2km), li hija meqjusa ġirja stabbilita u fost l-aqwa fl-Irlanda. Din hija maratona ta' diffikulta u sfida kbira, fejn l-atleti jridu jiġru fuq medda t'art muntanjuża w mħarrbta. Debono rnexxielu jagħmel ħin ta' 7:04:23.**

**Illum il-ġurnata għalkemm Debono għandu l-eta' sabiħa ta' 65 sena, għadu attiv u mimli enerġija, u jixtieq ikompli jikkompeti b'mod regolari f'maratoni barra l-pajjiż. Grazzi tmur lil Tumas Group, Medcomms Ltd, Health Aid u lill-familja ta' Debono għas-sapport tagħhom.**

# Ix-xogħol fil-Kumpless Sportiv tal-Qroqq

**Fl-2010 sar rapport viżwali fuq il-Kumpless tal-Pixxina tal-Qroqq li wera biċ-ċar li l-ammont ta' ilma li kien qed jiskula fl-istruttura ta' dan il-kumpless, kien qiegħed jagħmel ħsara kbira lill-binja. Rapport li pero nżamm fuq l-ixkaffa għaliex l-amministrazzjoni preċedenti m'għamlitx x-xogħol meħtieġ sabiex tindirizza din il-problema. Dan qalu llum is-Segretarju Parlamentari għar-Riċerka, l-Innovazzjoni, ż-Żgħażagħ u l-Isport Chris Agius waqt konferenza stampa li saret fl-istess kumpless tal-Qroqq fejn fl-aħħar ġimgħat inbeda x-xogħol wara testijiet li saru mill-Perit tal-Kunsill Malti għall-Isport li wera r-riskju li fih tinsab il-binja strutturali tal-Kumpless. Xogħolijiet li għandhom jiswew madwar 800,000 ewro.**

**Iċ-Ċermen tal-Kunsill Malti għall-Isport Luciano Busuttil saħaq li għalkemm ix-xogħol inbeda mill-aktar fis, kienet prijorita li l-pixxina ma tingħalaqx u li l-andament jibqa' għaddej normali. Ovvjament, kompla jgħid Busuttil, kien hemm bżonn ta' xi tibdil speċjalment fil-faċilitajiet tax-xowers li bħalissa jinsabu jaħdmu fuq stat ta' emerġenza.**

**Dettalji dwar ix-xogħol li kien imminenti li jsir, ingħataw mill-Perit tal-Kunsill Malti għall-Isport William Lewis li spjega li l-planki ma kienux jifilħu għall-piż żejjed li kien hemm fuqhom u kienu f'riskju li jċedu. Il-Perit Lewis kien imqabbad jagħmel l-ewwel stħarriġ tiegħu fl-2013. L-istħarriġ kien wieħed viżwali fejn mal-ewwel deher biċ-ċar li kien hemm bżonn ta' xogħol fuq id-deck u l-lining tal-pixxina. Madanakollu il-KMS ma qaditx biss fuq ir-rapport tal-viżwal imma talbet li jsiru t-testijiet meħtieġa. It-testijiet tlestew f'Novembru 2014, u hawnhekk deher biċ-ċar is-sitwazzjoni urġenti li kienet tinsab fih il-kumpless tal-pixxina tal-Qroqq.**


















**Minbarra problema fil-planki, li kienet qed tiġi aċċentwata bit-torba żejda li kien hemm, l-binja kienet ilha tesperjenza skular ta' ilma sa minn sentejn wara li nbniet, iġifieri sa mill-1995. Din il-problema kienet dovuta primarjament għax-xowers.**

**L-ammont ta' ilma li sena wara sena daħal fl-istruttura kompla għarraq il-binja. Kien għalhekk li fl-aħħar jiem qabel intemmet is-sena, meta bosta kienu bil-vakanzi, inbdiet ħidma sabiex jitneħħew il-ħitan u fejn hemm bżonn isiru ħitan tal-brikks u diviżorji ħfief. Minbarra hekk ingħatat kisja ta' membrane lil dawk il-partijiet li ser ikunu esposti aktar għall-ilma. Waqt it-tqassim tal-ispazju, minbarra li ser jiżdiedu iċ-changing rooms, l-binja ser issir waħda li hija aċċessibli għal kulħadd, grazzi wkoll għall-intervent tal-KNPD.**

**Mark Cutajar, l-aġent Kap Eżekuttiv tal-Kunsill Malti għall-Isport spjega li fl-aħħar jiem anke ġew evakwati l-uffiċini tal-Kumitat Olimpiku Malti u l-lecture rooms tal-Universita' ta' Malta li jinsabu eżatt fuq is-saqaf ta' din l-imsemmija binja riskjuża. Din id-deċiżjoni ittieħdet bħala prekawzjoni, għalkemm il-binja, minħabba li issa hi mirfuda, hija sikura. Huwa kompla jgħid li l-Kunsill Malti għall-Isport qed jagħmel minn kollox sabiex inaqqas l-inkonvenjent lil dawk kollha li jużaw il-pixxina, tant li fejn fis-snin preċedenti kienet tintefa d-diving pool, f'dawn l-aħħar sentejn u anke din is-sena, din ma ntfietx.**

Huwa l-ħsieb li din il-publikazzjoni tibda' tintbagħat kull xahrejn. Dawk l-assoċjazzjonijiet li jixtiequ li xi attivita' li għamlu tidher fuq din il-pubblikazzjoni għandhom jibagħtu ritratt wieħed u informazzjoni dwaru lil janet.debrincat@sportmalta.org.mt. Il-KMS u s-Segretarjat Parlamentari jirriserva d-dritt tal-għażla tar-ritratti li jkunu ppublikati.

kunsill malti għall-isport
www.sportmalta.org.mt

SEGRETARJAT PARLAMENTARI GĦAR-RIĊERKA, L-INNOVAZZJONI, IŻ-ŻGĦAŻAGĦ U L-ISPORT